# Ħames snin ta' sħubija fl-UE

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

5 snin
Fl-UNJONI EWROPEA






Dr Vanni Xuereb

*Kap – MEUSAC*

Fl-istorja ta' nazzjon, ħames snin mhumiex ħafna. L-istorja ta' ġensna hi storja mfawra bi ġrajjiet li mmarkaw il-fiżjonomija ta' dal-pajjiż u l-karattru tal-poplu tagħna. Fuq medda ta' eluf ta' snin, Malta ssawret f'nazzjon Ewropew b'karatteristiċi propji li jagħmlu minn dan il-pajjiż ċkejken, kburi bl-identità nazzjonali tiegħu, iżda fl-istess waqt, parti minn proċess immirat li jġib għaqda ikbar fost il-popli Ewropej.

Malta minn dejjem tifforma parti mill-Ewropa. Iċ-ċerimonja li kienet saret f'Dublin ħames snin ilu biex timmarka t-tkabbir tal-UE kienet mument ta' ritorn ta' pajjiżna fi ħdan il-familja Ewropea.

Iżda, fejn qabel, l-għaqda fl-Ewropa kienet infurzata permezz ta' ħakma ta' pajjiż fuq ieħor, l-Unjoni Ewropea tirrappreżenta l-għażla ħielsa tal-popli sovrani tal-Ewropa, inkluż dak Malti, mibnija fuq il-valuri tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, fuq id-demokrizija u r-*Rule of Law*.

Il-*MEUSAC* twieled biex iservi bħala strument biex titwettaq ir-rieda tal-poplu tagħna li jorbot id-destin tiegħu ma' dak tal-pajjiżi l-oħra msieħba fl-UE. Permezz tal-*MEUSAC*, il-Gvern kien jikkonsulta mas-soċjetà ċivili dwar l-aspetti diversi tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE. Illum, il-*MEUSAC* qed jerġa' jlaqqa' flimkien lill-Gvern mas-soċjetà ċivili u mal-partiti politiċi biex is-sħubija ta' Malta fl-UE tkun tassew waħda li tipprova tgħaqqad l-aspirazzjonijiet u l-interessi ta' firxa wiesgħa tas-soċjetà Maltija.

Il-*MEUSAC* illum imexxi proċess ta' konsultazzjoni li jinvolvi 196 persuna li ġejjin minn 45 organizzazzjoni differenti. Dan isir permezz ta' *Core Group* u ta' disa' kumitati settorjali.

Minbarra dan, il-*MEUSAC* hu responsabbli wkoll mid-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar Malta u l-UE. Il-*MEUSAC* jassisti wkoll lill-Kunsilli Lokali u lill-*NGO's* fl-applikazzjonijiet għal proġetti biex jiksbu fondi mill-UE.

Dawn it-tliet funzjonijiet huma kollha parti minn strateġija waħda: dik li nsarrfu f'suċċess is-sehem ta' Malta f'dan il-proġett ambizzjuż b'mod li nħossuna parti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq livell Ewropew, filwaqt li nkomplu nifhmu aħjar x'tifisser is-sħubija fl-UE u d-drittijiet u dmirijiet tagħna bħala ċittadini Ewropej.

Fl-istess waqt, bis-sehem tagħna fi programmi tal-UE, nimirħu fl-eluf ta' opportunitajiet li toffri l-UE.

# Il-ħidma tal-UE għal żvilupp sostenibbli

JOE SCIBERRAS

ZOOMINGONSUSTAINABILITY

Meta ngħidu żvilupp sostenibbli nifhmu l-ħidma biex il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet ta' llum jiġu sodisfatti waqt li fl-istess ħin jiġu mħarsa l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-frażi 'żvilupp sostenibbli', nistgħu ngħidu li qed tkun objettiv primarju tal-ħidma tal-UE f'kull livell. Hija strateġija dwar il-kapaċità tad-dinja li tħares il-ħajja fid-diversità kollha tagħha u hija bbażata fuq il-prinċipji tad-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, il-liġijiet (*rule of law*), u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. L-għan tagħha hu li ġġib 'il quddiem il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet ta' llum u ta' għada.

Kif jintlaħaq dan l-għan? Bil-promozzjoni ta' ekonomija dinamika u b'saħħitha, permezz ta' ħolqien ta' mpjiegi ġodda u ta' livell għoli; billi jogħla l-livell ta' edukazzjoni; bil-promozzjoni tal-ħarsien tas-saħħa; bl-għaqda u l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod speċjali fejn jidħlu l-aspetti soċjali u l-ħarsien tal-ambjent; bil-ħidma għall-paċi u s-sigurtà u l-promozzjoni tar-rispett bejn il-kulturi differenti li jiffurmaw id-dinja.

L-ewwel strateġija ta' żvilupp sostenibbli ġiet varata mill-Kunsill tal-UE fis-sena 2001. Din ġiet imsaħħa matul is-snin ta' wara f'ħafna oqsma. Fost dawn insemmu t-tibdil fil-klima, l-użu tal-enerġija, sfidi għas-saħħa pubblika, l-esklużjoni soċjali u t-trasport.

L-Istrateġija, li mbagħad ġiet imġedda fl-2006 imma li qed tkompli tiġi riveduta matul is-snin, hija msejsa fuq numru ta' pilastri importanti sabiex tilħaq il-miri tagħha.

Wieħed mill-pilastri ewlenin hu li jinħoloq bilanċ bejn il-ħolqien tax-xogħol u l-iżvilupp sostenibbli. Prinċipju li żgur jissemma ħafna huwa dak tal-*polluter pays principle* li għall-użu ta' kull ħaġa li tħalli impatt negattiv fuq l-ambjent, ikun hemm ħlas li jintuża biex jittieħdu inizjattivi favur l-ambjent. Prinċipju ieħor huwa li l-kumpaniji b'xi mod ipattu għall-ħsara b'riżultat tal-produzzjoni billi jagħtu xi ħaġa lura lis-soċjetà, partikolarment bil-kunċett ta' *corporate social responsibility*. Min-naħa tal-konsumaturi, minflok *uża u armi*, imħeġġa nimxu aktar mal-prinċipju *uża u erġa' uża*.

L-UE bħalissa qed titkellem ħafna fuq impjiegi fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent u li jikkontribwixxu għal żvilupp aktar sostenibbli: l-hekk imsejħa *green jobs*. L-UE u ħafna osservaturi oħra jemmnu li dawn l-impjiegi se jkunu imbuttatura tajba 'l quddiem biex tingħeleb il-kriżi ekonomika preżenti.

Fil-qasam tas-saħħa pubblika, ukoll insibu relazzjoni importanti mas-sostenibbiltà, fl-applikazzjoni iktar tal-prinċipju tal-*prevenzjoni aħjar mill-kura*.

Fuq l-aspett soċjali għandha tikber aktar is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali sabiex sezzjonijiet tas-soċjetà li huma l-iktar vulnerabbli, bħal per eżempju l-anzjani, jiġu mħarsa.

L-edukazzjoni għandha tkun fl-aħħar mill-aħħar u kollox ma' kollox, il-bażi tal-isforzi u l-istrateġiji tal-UE u tal-Istati Membri għall-bidla fil-mod ta' għajxien u biex jintlaħqu l-miri għal żvilupp sostenibbli.

Filwaqt li anki f'pajjiżna qed jittieħdu diversi inizjattivi f'dan ir-rigward, il-*MEUSAC* flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, qed tikkontribwixxi għal iżjed għarfien favur żvilupp sostenibbli b'konferenza bejn it-13 u l-15 ta' Mejju. Din il-konferenza, bit-tema *Zooming on Sustainability* se tinvolvi Kunsilli Lokali li huma ġemellati ma' lokalitajiet oħra fl-UE.

Fil-fatt, se jattendu madwar 150 rappreżentanti li 50 minnhom huma barranin. It-tema se tiżvolġi l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli taħt diversi aspetti, fosthom dak soċjo-ekonomiku, edukattiv, ambjentali u kulturali, għax, wara kollox, il-Kunsilli Lokali għandhom sehem importanti ħafna fit-tkabbir ta-għarfien u t-twettieq ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Iktar tagħrif dwar din il-Konferenza jista' jinkiseb mis-sit: www.zoomingonsustainability .eu

*Is-Sur Sciberras huwa uffiċjal tal-Malta-EU Steering and Action Committee (MEUSAC).*

Education and Culture DG
'Europe for Citizens' Programme
Co-financed by the European Union within the programme "Europe for Citizens" 2007 – 2013.